MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 81/2015

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985), l-esponenti AB zzewget lill-intimat CD, u dan kif jirrizulta

mid-dokument A.H 1, hawn anness, li huwa c-certifikat taz-zwieg taghhom. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal J u M, li huma t-tnejn maggorenni, kif sejjer jigi spjegat aktar ‘il quddiem;

Illi l-kontendenti ilhom separati permezz ta’ kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni, fl-atti tan-Nutar Dr Rachael Busuttil tal-hmistax (15) t’Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (anness dokument A.H.2) u ghalhekk ghal aktar minn erba` snin – u qatt ma kien hemm xi rikonciljazzjoni mill-kuntratt ta’ separazzjoni sal-lum ;

Illi permezz ta’ liema kuntratt ta’ separazzjoni, l-esponenti Anna Huber irrevertiet ghal kunjomha ta’ xebba u cioe Huber ;

Illi bejn il-kontendenti m’hemmx problemi ta’ manteniment, u dan peress li hija ma tirceviex manteniment ghaliha minghand zewgha u rigward it-tfal, ghandu jinghad dan li gej :

a) Jessica twieldet fit-tlieta (3) ta’ Marzu tas-sena elf disgha mij au erbgha u disghin (1994) u hija maggorenni ;
b) Malcolm twieled fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) u peress li ghadu student, l-intimat baqa` jissoministra manteniment lill-esponenti, u li huwa regolari fil-hlasijiet u m’hemmx arretrati ;

Illi assolutament m’hemm l-ebda possibilita` ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabiliti skont il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti Anna Huber u Godwin Agius, li gie iccelebrat fl-erbatax ta’ Settembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985) ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet konjugi Mifsud, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu, 2015;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Ottubru 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------